# PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

*Dokument ta' sessjoni*

18.6.2007 B6-0264/2007

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

biex tagħlaq id-dibattitu fuql-istqarrijiet tal-Kunsill u l-Kummissjoni

skond l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura

minn Werner Langen

f'isem il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar it-titjib tal-proċess ta' konsultazzjoni tal-Parlament Ewropew fil-proċeduri ta' tkabbir ulterjuri taż-żona euro

**B6-0264/2007**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar it-titjib tal-proċess ta' konsulatzzjoni tal-Parlament Ewropew fil-proċeduri ta' tkabbir ulterjuri taż-żona euro**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-1 ta' Ġunju 2006 dwar it-tkabbir taż-żona euro[1],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 122(2) tat-Trattat KE, skond liema Artikolu l-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament (C6-0150/2007),

– wara li kkunsidra l-ittri tas-6 ta' Ġunju 2007, mill-President tal-Palament Ewropew lill-President tal-Kummissjoni u lill-President tal-Kunsill,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A6-0000/2007),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 103(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

1. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill, rigward it-tkabbir futur taż-żona euro:

1.1. biex tinlaħaq ftehima interistituzzjonali dwar skeda futura għal pajjiżi oħra li jiextiequ jaderixxu maż-żona uero u approċċ ta' koperazzjoni magħhom, inklużi:

(a) djalogu mal-Parlament fi stadju bikri, sabiex jiġi żgurat li jun hemm mill-inqas xahrejn disponibbli għal konsultazzjoni tal-Parlament, biex b'hekk tiġi rispettata l-prerogattiva tal-Parlament biex jikkunsidra b'mod xieraq il-proposti mressqa kemm mill-Kummissjoni u kif ukoll mill-BĊE;

(b) impenn mill-pajjiżi kandidati biex iħabbru l-intenzjoni tagħhom li jagħmlu talba uffiċjali sal-Ħarifa tas-sena ta' qabel tiġi ppreżentata t-talba uffiċjali, sabiex jiġi ffaċilitat il-proċess ġenerali biex tiġi introdotta l-munita komuni;

(c) rapport ta' konverġenza interim mill-Kummisjoni, li għandu jiġi mfassal fil-bidu tas-sena ta' wara t-tħabbir minn qabel mill-pajjiż ta' adeżjoni;

1.2. biex jiġi żgurat li l-Bord Konsultattiv Ewropew tal-Governanza ta' l-Istatistika futur u l-Kumitat Ewropew dwar l-Informazzjoni Statistika futur jissorveljaw mill-qrib il-preparazzjoni tat-tkabbir taż-żona euro għall-pajjiż ta' adeżjoni; huwa konvint li l-kwalità tad-data disponibbli għall-Kummissjoni m'hijiex sodisfaċenti biżżejjed u li l-Kummissjoni għandha tingħata setgħat addizzjonali biex tivverifika d-data; jirrakkomanda li l-Kummissjoni tivverifika d-data mgħoddija mill-banek ċentrali nazzjonali mad-data li tkun waslet fil-qafas tal-kontijiet ġenerali tal-gvern għal kull kwart tas-sena sabiex titjieb il-fiduċja fl-istatistiċi permezz ta' kontro verifiki;

[1] ĠU C 298 E, 8.12.2006, p. 249.

1.3. biex tiġi adottata pożizzjoni li kwalunkwe proċedura ta' defiċit li tikkonċerna Stat Membru għandha tkun ingħalqet qabel ma tkun ġiet evalwata l-konformità mal-kriterji ta' Maastricht;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet ta' l-Istati Membri.